# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Preliminari Nru. 2642

Kaz Nru: 3746/CCG

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Tabib David Grech (499372M)**

**u**

**Medicare Services Limited (C25977)**

Illum : 8 ta' Jannar, 2020

**Chairperson : Dr Charmaine Cristiano Grech B.A., LL.D.**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal permezz ta' rikors tat-Tabib David Grech fejn allega tkeċċija inġusta u talab lit-Tribunal jiddikjara li kien hemm tkeċċija mhux skond il-Liġi, jiffissa l-kumpens dovut u jordna l-ħlas tal-istess kumpens lir-rikorrent. In linea preliminari s-soċjeta' Medicare Services Limited eċċepiet illi l-azzjoni proposta mir-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda għaliex hija bbażata fuq premessi fattwalment u legalment skorretti u konsegwentement it-talbiet magħmula ma jistgħux ireġu.

It-Tribunal sema' lix-xhieda prodotti miż-żewġ partijiet dwar din l-eċċezzjoni preliminari fejn Lorraine Grech Flores, direttur tal-kumpanija qalet li hija ma keċċietx lir-rikorrent mill-impjieg, pero' huwa tkeċċa minn direttur. Il-premessa tax-xhud hija li l-kuntratt ta' impjieg għadu viġenti u fil-fatt anke skond ix-xhieda tar-rappreżentant tal-JobsPlus il-kuntratt għadu mhux magħluq.

Ir-rikorrent xehed illi huwa, mid-data ta' meta ġie notifikat illi huwa ġie tterminat mir-rwol tiegħu ta' direttur, qatt ma ingħata aktar xogħol ta' tabib min-naħa tas-soċjeta.

It-Tribunal sema' t-trattazzjonijiet tal-partijiet fuq din l-eċċezzjoni preliminari.

**<u>Deċiżjoni Preliminari</u>**

Wara li sema' x-xhieda u t-trattazzjonijiet, it-Tribunal jiddeċiedi illi għalkemm terminazzjoni formali mill-impjieg tar-rikorrenti ma kienx hemm, it-tneħħija tiegħu minn direttur kellha l-effetti kollha u riżultat ta' tkeċċija mill-impjieg stante illi huwa ma ingħatax aktar xogħol, ma tħallasx paga u ma tħallsulux il-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali u għaldaqstant kienet tammonta ukoll għal tkeċċija mill-impjieg tiegħu bħala tabib.

**Iffirmata : Avv. Charmaine Cristiano Grech B.A.,LL.D**
**Chairperson**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**